MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Numru. 687/2005

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

versus

Alfred Attard u
Emmanuel Baldacchino

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfred Attard ta' 46 sena bin Gerald u Loreta nee Farrugia mwieled Żebbuġ nhar id-19 ta' Ġunju 1959 li joqgħod 15 Triq Vincenzo Adrario Żebbuġ detentur tal-karta ta' l-identita' numru 429059 (M)

U

Emmanuel Baldacchino ta' 26 sena bin George u Lourdes nee Cassar imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Jannar 1979 u li

joqgħod St.George's House, Triq l-Għasel Qormi, detentur tal-karta t' l-identita' numru 59179 (M)

Akkużati tali

a) Talli nhar id-19 ta' Marzu 2005 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħodu (8.15 am) ġewwa Ħaż-Żebbuġ, attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew ħebbew, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS 160, PC 896 u PC 781, persuni inkairgati skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti skond l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbew kontra l-persuna ta' Philip Damato, Raymond Damato u Reno Damato sabiex jinġurjawhom, idejquhom jew jaħgmlu ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħadd ieħor skond l-artikolu 339 (1)(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) Aktar talli fl-istess data,lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ikkaġunaw ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Philip Damato hekk kif iċċertifika t-tabib Dr. J Abela MD miċ-Ċentru tas-Saħħa Floriana skond l-aritkolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi heddew lil Philip Damato, Raymond Damato u Reno Damato bi kliem;

e) talli kisru l-buon ordni u l-paċi pubblika b'għajat u ġlied;

f) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxen jew indiċenti, jew għamlu ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi offendew il-morali u l-imġiba xierqa jew d-deċenza pubblika;

g) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr ma darbu jew sawtu heddew b'ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin jew qabdu arma oħra kontra l-persuni imsemmija.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Philip Damato, Raymond Damato u Rene Damato skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedini penali taż-żewġ imputati, iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (14 ta' Lulju 2005), il-kunsens taż-żewġ imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (11 ta' Jannar 2006), iż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati fid-19 ta' Marzu, 2005 (fol.20 u 23)   u il-verbal tat-22 ta' Settembru 2006.

Semgħet lill-Ispettur Prosekutur jixhed kif seħħew il-fatti

Rat li fil-verbal tat-22 ta' Settmebru 2006:

(a) Il-Prosekuzzjoni irtirat l-ewwel imputazzjoni;
(b) L-imputati ammettew l-imputazzjonijiet l-oħra kollha b'dan pero' li żammew sħaħ id-dritt tagħhom biex ċerti imputazzjonijiet ikunu preskritti.

Il-Qorti rat li mit-timbru tal-Proċess jirriżulta li ċ-ċitazzjoni kienet ippreżentata fit-3 t'Awwissu 2005 waqt li l-ġrajja li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet seħħew fid-19 ta' Marzu, 2005 – jiġifieri erba' xhur u 14-il jum qabel kienet ippreżentata ċ-ċitazzjoni fil-Qorti.  Dawn id-dati huma importanti sabiex tkun stabbilita jekk xi imputazzjonijiet humiex preskritti jew le.

Skond l-artikolu 694 tal-Kap 9 l-preskrizzjoni trid tkun applikata ex ufficio u l-imputat ma jistax iċediha.

L-imputazzjonijiet (b) ksur ta' l-artikolu 339(1)(d),
(d) ksur ta' la-rtikolu 339(1)(e)
(e) ksur ta' l-artikolu 338(ee),
(f) ksur ta' l-artikolu 338(bb);
(g) ksur ta' l-artikolu 339(1)(b)
huma kollha kontravenzjonijiet u skodn l-artikolu 688 (f) dawn ikunu preskritti fi żmien tliet xhur.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara li l-imputazzjonijiet (b), (d), (e), (f), (g) huma preskritti u qed tillibera lill-imputati minn dawn l-imputazzjonijiet.

L-ewwel imputazzjoni kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tagħha.

L-imputazzjoni (ċ) taqa' taħt l-artikolu 221(1) u dan l-artikolu jipprovdi piena ta' tliet xhur ħabs jew ta' multa. Skond l-artikolu 688(e), il-ksur ta' artikolu li jġorr miegħu piena ta' din ix-xorta jkun preskritt wara li jgħaddu sentejn. Minħabba li s-sentejn ma  kinux għaddew meta bdew il-proċeduri, il-Qorti qed tiddikjara li din l-imputazzjoni mhix preskritta.  L-imputati ammettew il-ħtija tagħhom u għalhekk il-Qorti qed tiddikjara wkoll li din ġiet ippruvata skond il-Liġi u qed issibhom ħatja tagħha.

Għladaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 96, 339(1)(d), 221, 339(1)(e), 338(e), 338(bb), 339(1)(b) qed issib lill-imputati ħatja tat-tielet imputazzjoni (dik immarkata (ċ)) biss ; mhix tieħu konjizzjoni ta' l-ewwelimputazzjoni minħabba li din kienet iritirata, u qed tillibera lill-impujtat mill-imputazzjonijiet (b), (d), (e), (f)u (g) minħabba li dawn huma preskritti ai termini tal-Liġi.

Dwar il-piena, il-Qorti flok qed tikkundanna liż-żewġ imputati qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlu ebda reat ieħor fi żmien sentejn. Il-Qorti fehmet l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati.

Ai fini ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 qed torbot liż-żewġ imputati għal sena milli jimmolestaw lil Philip Damato, Raymond Damato, u Reno Damato.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------